




"L-ewwel ħarġa kienet fis-sena 1974 mat-twaqqif ta' l-ewwel Kummissjoni Żagħżagħ Belandsiti fiż-Żejtun"

# Il-Ħamsa u Għoxrin Edizzjoni

Kitba ta' Michael A. Aquilina

Dan il-ktieb li qed tqalleb u taqra sar parti ntegrali mil- festa tal-patruna tagħna Santa Katarina. Tant sar ta' mportanza li anke għaqdiet oħra hassew il- ħtiega li jagħmlu l-istess. Din il- ħarġa timmarka l-ħamsa w għoxrin edizzjoni ta' Leħen l-Għaqda Muzikali Beland.

L-ewwel ħarġa kienet fis-sena 1974, ezattament meta twaqqfet għal ewwel darba mhux biss fiż-Żejtun iżda ukoll f'Malta l-ewwel sezzjoni żagħżagħ jew kif kienet magħrufa dak iż-żmien kummisjoni żagħżagħ. Għall-bidu ma kienx dejjem possibli li joħroġ regolarment kull sena. Għalhekk se nagħti harsa ħafifa tal-istorja ta' dal-ktejjeb fil-bidu tiegħu.

1974: Il-kumitat direttiv bl-għajnuna dak iż-żmien tal-Kummisjoni Żgħazagħ Belandisti ippublikaw l-ewwel ktejjeb bi 28 paġna. Fuq il-qoxra nsibu ritratt tal-bandalora li kienet izzanznet sena qabel u għadha sa llum waħda mil-ġawhar tal-każin.

1975: Leħen l-Għaqda Muzikali Beland ra t-tieni edizzjoni tiegħu. Fuq quddiem issa nsibu stampa ta' l-istandard bl-arma uffiċjali tal-banda, dak iż- żmien Filarmonika Beland Żejtun. Dan kien ġie rregalat mill-Kummissjoni żagħżagħ Belandisti sena qabel.

1978: Wara assenza ta' sentejn insibu Pubblikazzjoni li tfakkar l-inawgurażżjoni tal-planċier artisku li jintrama fil-pjazza. Dan kien f'Mejju u din kienet l-ewwel ħarġa bil-qoxra tal-kartunċin li fuq sfond aħdar sabiħ u kliem b'kulur tad-deheb naraw ritratt ta' dettal mill-faċċata ta' dan il-planċier, gawhra oħra fost l-armar fil-pjazza maġġura.

1983:Waħda mis-snin memorabli fl-istorja tal-każin, il-bieb prinċipali flimkien ma' ntrata ġdida ġew inawgurati minflok l-antika fi triq S. Katarina. Għal din l-okkażjoni ħarġet pubblikazzjoni oħra wara waqfien ta' erba' snin. Ovvjament jiddomina kien id-disinn ta' din id-dehra ġdida għal-każin tagħna.

1984: Issa b' libsa dejjem isbaħ beda jidher ċar li dal-ktieb sar mistenni miż-Żwieten. Il-faċċata din is-sena kienet b'ritratt ta' l-istatwa titulari fil-parroċċa tagħna.

1985: Sena oħra ta' storja għall-Kazin Beland. L-inawgurazzjoni tas-sala Carlo Diacono flimkien mal-famuż arkivju. Ritratt ta' dan ta' l-aħħar intagħzel għall-cover tal-ktejjeb ta' dik is-sena.

1986: Il-125 anniversarju tat-twaqqif tal-Banda Beland. Fuq sfond ta' partitura mill-kitba mużikali ta' Mro. Carlo Diacono insibu disinn sabiħ ta' tifkira ta' dan l-anniversarju bil-motto: Fl-Armonija l-Għaqda 1861-1986.

1988: Is-sena ta' qabel saret biss "Festa ta' devozzjoni"; hekk deskritta mil-President tas-Soċjeta tagħna f'din il-ħarga u forsi din kienet ir-raguni li dan il-programm tal-festa fl-1987 ma ħariġx. Ta' prominenza fuq quddiem din is-sena nsibu l-pittura li l-mibki u ħabrieki Mose Cassar ippreżenta lill-każin tagħna li turi ċerimonja simbolika tat-titlu Citta Beland liz-Żejtun.

1990: Il-ktejjeb għas-sena 1989 reġa ma ħariġx. Kienet sena ta' kontroverżja u diżgwit dwar jekk il-festa tibqax fix-xitwa jew tibda

"Issa l-poplu Żejtuni beda mhux biss jistennieh anzi jippretendih minna"



ssir fis-sajf. Pero f' Ġunju 1990 saret l-ewwel festa ta' S. Katarina fis-sajf u minn din is-sena nistgħu ngħidu li Leħen l-Għaqda Mużikali Beland kompla joħroġ regolarment kull sena. Issa l-poplu Żejtuni beda mhux biss jistennieh anzi jippretendih minna. Sar obbligu għall-Għaqda Mużikali Beland li tagħti dan is-servizz almenu fil-jiem tal-festa ta' kull sena.

Il-kumitat kuntent li dan il-ktejjeb dejjem kien fost l-aqwa li ra r-raħal tagħna u mezz prattiku sabiex avvenimenti memorabbli bħal mawriet tal-banda tagħna fil-Ġermanja, r-Russja u l-Italja jistgħu jibqgħu dejjem segwiti. Il-partitarji u membri tagħna jistgħu iqalbu matul is-snin u jaraw il-ħidma kontinwa u l-brijju li minn sena għall-oħra dejjem jikber u jispikka fil-festa tagħna.

Dan il-ktejjeb kien dejjem ta' l-aqwa livell kemm fl-istampar, kif ukoll fil-kontenut jispikkaw dawk l-artikli ta' nterres u ċertu ritratti li minn jaf kemm iġibu nostalġija għal xi wħud. Huwa wkoll ta' servizz għal ħutna Żwieten emigrati 'l bogħod minn artna. Ta min issemmi li dan ma kienx ikun possibli li jsir mingħajr l-għajnuna tal-ħwienet u ditti li jirreklamaw f'dan il-ktieb, dawn huma li jiffinanzjaw l-ispejjeż tiegħu u aħna l-membri għandna nkunu obbligati lejhom u nirreċiprokaw billi nagħmlu użu minn dak li jirreklamaw.

Finalment nawgura li nkomplu din it-triq għal ħafna u ħafna snin fil-futur. ■

"Ta' min isemmi li dan ma kienx ikun possibli li jsir mingħajr l-għajnuna tal-ħwienet u ditti li jirreklamaw"

Nawguraw lil Gordon Baldacchino u l-martu Judith Casha li fit-18 ta' Diċembru 2005 ingħaqdu fis-sagrament taż-Żwieġ u nawgurawlhom futur hieni.

Nifirħu lill-Maġġur Tony Abela f'okkażjoni ta' l-għoti ta' Ġieh iż-Żejtun mill-Kunsill Lokali.